MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Numru. 406/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**

**vs**

**Lawrence Micallef ta' 41 sena, iben Alfred u Rose Mary nee Vella, imwieled Vittoriosa fl-14/04/1963,**
**u joqghod FredRose, Triq il-Kardinal, Birgu, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 246563 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Lawrence Micallef li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer bejn is-27 ta'

Settembru, 2001 u s-7 ta' Settembru, 2002 bhala detentur u/jew amministratur tal-fond Armier Lido (Bar & Restaurant) sitwat l-Armier limiti tal-Mellieha, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, ikkommetta serq ta' kwantita' ta' dawl elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq jammonta ghal elf hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltin, 11-il centezmu u 8 millezmi (Lm 1526.11,8), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta. Barra minn hekk, fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe arlogg tad-dawl tal-ghamla Krizik Nru. Tas-serje 6569836, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm 50) ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Iktar, akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini tal-artikli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat li fi stadju bikri Lawrence Micallef kien irregistra ammissjoni.

Rat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur kien esebixxa dak li kellu jkun il-proces verbal, l-inkjesta Magisterjali relatata ma' l-allegat tbaghbis fil-meter u serq ta' dawl in dizamina. Rat pero' illi l-istess proces verbal gew esebiti l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet Pulizija v Vincent Vella, f'liema kawza li kienet ghaddiet in gudikat, kien hemm esebita l-inkjesta msemmija ,originali taghha.

Illi din il-Qorti meta ezaminat l-atti fuq l-ammissjoni ta’ l-imputat, darba li rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet imsemmija hasset li ma kellhiex taccetta l-istess ammissjoni.

Ikkonsidrat

Illi immedjatament harsa lejn dak li xehdu l-impjegati ta’ l-Enemalta fi stadju ta’ inkjesta, (allura sa qabel ma bdiet tisma’ x-xhieda l-Qorti li kellha x’tezamina meta l-kawza kienet ammessa) wiehed isib illi l-istess impjegati xehdu inekwivokament illi l-akkuzat f’din il-kawza Lawrence Micallef, mitlub biex jiftah biex huma jaccedu ghal meter tad-dawl kellu jcempel lil Vincent Vella biex jaccedi ghac-cavetta.

Dan il-fatt kif xehduh gie kkonfermat minnhom viva voce quddiem din il-Qorti.

Fil-fatt ghalkemm irrizulta li l-fond ghal perjodu ta’ sentejn minn Novembru, 2001 kien mikri lil Lawrence Micallef in parte pero’ jidher kemm mix-xhieda ta’ l-istess impjegati tal-Korporazzjoni tal-Enemalta kif ukoll mill-istess akkuzat u l-partner tieghu Pauline Fenech li l-meter in kwistjoni kien fil-kontroll effettiv ta’ Vincent Vella.

Tant li fl-istess Vincent Vella meta xehed quddiem din il-Qorti qal li hu kien ir-registered consumer tal-meter in kwistjoni u li hu bhala sid kien responsabbli ghall-istess meter.

Ikkonsidrat

Illi certament u bla bzonn ta’ spjegazzjoni ulterjuri huwa zgur li l-prezunzjoni li nsibu fl-artikolu 264 tal-kapitlu 9 fejn insibu prezunzjoni ta’ dolo iuris tantum li tinkombi fuq ir-registered consumer li jipprova l-kontra sal-grad tal-probabbli. B’dan pero’ li jinkombi dejjem fuq il-prosekuzzjoni li jwasslu l-prova taghhom sal-grad mitlub minnhom fil-ligi penali.

Illi hija l-fehma ta’ din il-Qorti minn dak premess illi l-Prosekuzzjoni ma waslitx ghall-grad li trid il-ligi biex

tipprova l-kaz minnha prezentat kontra Lawrence Micallef, u ghalhekk qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------